IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 33-2017(28_06_17)**

**28 ta' Ġunju 2017**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Carmen Said ippresjediet il-laqgħa.

**33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

33.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

33.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 32-2017(30_05_17) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew emendati u approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

33.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li dan ix-xahar beda *story-telling* għat-tfal iż-żgħar. Dawn is-sessjonijiet qed isiru fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Fix-Xlendi għadhom kemm inżabru s-siġar tal-Palm. Il-Kunsill ħallas għaċ-*cherry-picker* u pestiċidi. Issa jmiss li jinqata' r-radikal ta' mas-siġar tal-Bruk.

Bħalissa wkoll qed issir manutenzjoni tal-*kiosk* tat-turiżmu li hemm fil-*Parking* tax-Xlendi mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex, tnaddfet il-kamra ta' ma' ġenb il-latrina tax-Xlendi u l-fjakkoli u pitrolju ser jinżammu hemm.

Twaħħlet ukoll it-tabella 'Merbħa' tax-Xlendi. Din ġiet sponsorjata mill-HSBC Bank Malta plc.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Kumpanija Green MT tat *award* lill-Kunsill għall-aktar *bring-in-site* li ntuża matul is-sena l-oħra.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar għar-restawr tat-torri ħareġ u issa jmiss li ningħataw id-devoluzzjoni tiegħu.

**33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

33.4.1 Is-Sur Paul Curmi ssuġġerixxa li fil-passaġġ tax-Xlendi għandu jsir *railing* ma' dak it-taraġ li sar peress li l-wiċċ tal-passaġġ għola 'l fuq.

Huwa staqsa dwar dik l-applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp biex tinbena dar ta' żewġ sulari fi Triq il-Munxar għax jista' jkun il-każ li din ser toħnoq il-veduta. Is-Segretarju Eżekuttiv ser iġib il-pjanti mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar.

Is-Sur Curmi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill bil-problema tal-ħamiem fil-Munxar. Kunsilli oħra f'Malta qed jieħdu l-passi. Is-Sindku rrimarkat li l-Gvern Ċentrali daħal f'din il-materja u qed isir studju dwar l-aħjar mod kif din il-problema tiġi kkontrollata.

33.4.2 Is-Sinjorina Sonja Abela infurmat lill-Kunsill li rċeviet xi lmenti fil-Ministeru għal Għawdex dwar it-tindif tal-latrini ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u li l-*attendants* ma humiex ikunu fuq il-post. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li l-Kunsill jiltaqa' maż-żewġ *attendants*. Ġie deċiż li l-laqgħa ssir fl-4 ta' Lulju 2017, fit-8 ta' filgħodu.

Is-Sinjorina Abela rċeviet ilment dwar il-bankijiet li l-Kunsill waħħal max-xtajta tax-Xlendi. Dawn qed jinħonqu billi jitpoġġew imwejjed u siġġijiet tar-*restaurant* tal-viċin.

33.4.3 Is-Sur Damien Spiteri staqsa fiex waslu l-preparamenti tal-*bus shelter* ta' quddiem Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina issa li l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar ħareġ. Huwa ġibed ukoll l-attenzjoni dwar ir-*railing* in-nieqes li hemm fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun. Is-Sindku infurmat li l-*bus shelter* trid issir mill-Kumpanija Faces u r-*railing* in-nieqes ser isir mill-ħaddiema tad-Dipartiment Proġetti u Żvilupp.

Is-Sur Spiteri staqsa wkoll jekk kienx sar kuntatt mal-perit rigward il-kmamar ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u jekk inbediex il-proċess tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa ġie infurmat li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta mingħand il-Perit Felice.

**33.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

33.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Privat tal-Ministeru għal Għawdex fejn qed jipproponi li jiġi organizzat *media event* fix-Xlendi sabiex jiġi varat il-Kalendarju ta' Attivitajiet għax-xhur tas-sajf fix-Xlendi. Qed jipproponu li din issir is-Sibt, 8 ta' Lulju 2017 fl-4.30 ta' filgħaxija. F'dan il-kalendarju 'I Love Ix-Xlendi Summer Events 2017' hemm inkluż il-fjakkolati ta' kull nhar ta' Sibt u l-Festival taċ-Ċeramika li ser jitħallsu mill-Ministeru għal Għawdex.

Kien hemm qbil dwar din il-proposta għax b'hekk ser tiżdied il-pubbliċità ta' dawn l-attivitajiet.

33.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Emanuel Agius beda jaħdem mal-Kunsill u huwa lest li juża t-*truck* tiegħu sabiex jiġbor ħaxix u skart goff u jieħdu f'Tal-Kus, Ix-Xewkija. Għad jonqos il-permess mingħand il-Wasteserv Malta Ltd sabiex it-*truck* ikun jista' jidħol fil-faċilità.

33.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fis-26 ta' Ġunju 2017 bdew erba' *interns* mill-Portugall. Dawn ser jaħdmu bħala *programmer*, *multi-media* u xogħol amministrattiv. Matul iż-żmien li ser ikunu magħna, ser tinfetaħ il-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi kuljum, inkluż Sibtijiet u Ħdud.

**33.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

33.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 16/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'L-Indikatur tal-Qagħda Finanzjarja (l-*FSI*)'.

33.6.2 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Europe Business Assembly fejn ħabbru li jixtiequ jippreżentaw lill-Kunsill l-International Flag of the Investment and Innovation Attractiveness and International Certificate of Excellence in Investment and Innovation (ICEII) fl-International 'Excellence in Quality' Conference u ċerimonja ta' inawgurazzjoni fit-3 u 4 ta' Lulju 2017, f'Lucerne l-Iżvizzera.

33.6.3 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Europe for Citizens Contact Point fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed iwassal korrispondenza mill-Università ta' Malta rigward l-End-of-Project Seminar: LifeMedGreenRoof Project, fl-20 ta' Lulju 2017 fl-Università ta' Malta.

33.6.4 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward is-sejħa finanzjata minn Fondi Ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta. Din is-sejħa għal proposti taħt sottomiżura 4.4 bit-titlu 'Investiment mhux produttivi marbuta mal-ilħuq tal-objettivi agroambjentali u klimatiċi', bid-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija t-3 ta' Lulju 2017. Fost l-azzjonijiet li jistgħu jsiru taħt din is-sejħa hemm il-bini jew restawr ta' ħitan tas-sejjieħ.

33.6.5 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-European Union European Regional Development Fund u Support Interreg Europe fejn bagħtu l-Aġenda għas-Support Project – Information Meeting fis-16 ta' Ġunju 2017, fiċ-Ċittadella Cultural Centre.

33.6.6 Il-Kunsill irċieva ittra u invit mingħand il-Fondazzjoni OASI għall-Konferenza Nazzjonali bit-tema 'Illum Jien, Għada Int...Id-Droga wara Biebna!', fil-5 ta' Lulju 2017 fil-Kunsill Lokali tal-Mosta. Din hija mtellgħa mill-OASI, il-Kunsill tal-Floriana, il-Kunsill tal-Mosta u l-Kunsill tan-Naxxar.

33.6.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Maltese Olympic Committee (MOC) rigward il-'Queen's Baton Relay' li ser ikunu Malta bejn il-21 ta' Settembru 2017 u l-25 ta' Settembru 2017. Peress li l-MOC iridu jfasslu l-programm ta' din iż-żjara talbu lill-Kunsill jinfurmahom jekk jixtieqx li l-*Baton* iżuru l-lokalità u attivitajiet li jista' jorganizza għal din l-okkażjoni.

33.6.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Regional Coordinator – Gozo, Valletta 2018 Foundation rigward il-*music-theatre project* 'Orfeo' u 'Majnun'. Ingħatat informazzjoni dwar dan il-proġett u dwar *information sessions* bejn it-28 ta' Ġunju 2017 u l-1 ta' Lulju 2017.

33.6.9 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tas-66 laqgħa fit-3 ta' Lulju 2017, l-Iskeda tal-Ħlasijiet approvati fis-Seduta Numru 66 u l-Minuti tal-Laqgħat Numri 64/2017 u 65/2017 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

33.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-*Sub-Editor* tal-ENCORE – Arts & Culture Magazine rigward l-10 *issue* ta' dan il-*magazine* li huwa għax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru 2017. Huma qegħdin joffru li jippubblikaw l-attivitajiet tal-Kunsill fil-kalendarju kulturali ta' dan

il-*magazine* mingħajr ħlas.

33.6.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex rigward Ċirkulari Numru 13/2017 – Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Community Innovation Fund maħruġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill ġie mitlub iressaq il-proposti tiegħu għall-kunsiderazzjoni tar-Reġjun Għawdex.

33.6.12 Il-Kunsill irċieva lment mingħand sid ta' proprjetà li tħares fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Quddiem din il-proprjetà hemm arblu u huwa qed jitlob sabiex ma jeħlux *wires* tad-dawl ma' dan l-arblu għaliex dawn jistgħu jtellfulu l-veduta.
Dan l-ilment diġà ġie mgħoddi lill-Korporazzjoni Enemalta u qegħdin nistennew risposta.

33.6.13 Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Munxar Falcons FC sabiex ikunu jistgħu jpoġġu *soft-drink vending machine* fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi skont pjanta u ritratti provduti. Huma jħossu li permezz ta' din il-*vending machine* ser jipprovdu servizz lit-turisti u jservi ta' *fund raising* għall-*club*.
Il-Kunsill ser jagħti l-permess bil-kundizzjoni li jimxu mar-rekwiżiti mitluba mir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali – Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04. Il-miżata hija ta' €23.29 fis-sena jew parti minnha.

Il-ħin kien is-6.15 ta' filgħaxija u s-Sur Robert Mallia talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

33.6.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand in-National Commission for the Promotion of Equality rigward 'Directory of Professional Women'. Dan id-direttorju fih *pool* ta' iżjed minn 200 mara professjonista u kompetenti f'diversi oqsma u għaldaqstant huwa sors utli għal dawk li jkunu ser iwaqqfu *boards* u kumitati. Huma talbu lill-Kunsill sabiex jgħin fil-promozzjoni tiegħu billi jxerred dan il-messaġġ mal-kuntatti tiegħu.
Il-Kunsill ħa nota dwar dan.

33.6.15 Il-Kunsill irċieva lment mingħand *Lecturer* fl-Università ta' Malta Junior College rigward ħmieġ u żibel li hemm fl-*area* madwar it-Torri tax-Xlendi. Hija talbet sabiex din l-*area* titnaddaf.
Is-Sindku ser tgħid lill-Beach Cleaners biex inaddfu.

33.6.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Eco-Gozo Regional Development Directorate fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Bicycle Stands'. Il-Ministeru ser jinstalla numru ta' *bicycle stands* madwar Għawdex u qiegħed jitlob lill-Kunsill sabiex jidentifika l-postijiet fejn jixtieq li jiġu installati fil-lokalità tal-Munxar. Kull *bicycle stand* takkomoda minn 5 sa 10 *bicycles*.
Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob waħda għall-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar u oħra fil-*Parking* tax-Xlendi, Ix-Xlendi.

33.6.17 Il-Kunsill irċieva lment mingħand residenta fi Triq Sant'Indrija, Ix-Xlendi fejn bagħtet ritratt ta' bieb li jintuża minn persuni b'diżabilità u li jużaw is-siġġu tar-roti. Minħabba li l-bieb jinfetaħ 'il barra u l-karozzi jipparkjaw quddiemu, il-persuna ma tistax tidħol. Hija qiegħda titlob sabiex issir kaxxa safra quddiem dan il-bieb sabiex jgħaddi s-siġġu tar-roti.
Il-Kunsill qabel li japplika.

33.6.18 Il-Kunsill irċieva talba għall-permess mingħand il-Munxar Falcons FC sabiex ikun jista' jsir l-*Annual Summer BBQ* fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina, Il-Munxar bħas-snin l-imgħoddija.
Il-Kunsill qabel dwar dan.

33.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward 'Summer Break from Excavation and Demolition Works in Tourism Area'. Ma jista' jsir l-ebda xogħol ta' dan it-tip f'postijiet turistiċi bejn il-15 ta' Ġunju 2017 u t-30 ta' Settembru 2017 u f'każ ta' illegalità għandu jsir rapport lill-Building Regulation Office.
Il-Kunsill ħa nota dwar dan.

33.6.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal informazzjoni mingħand Esplora, Malta Council for Science and Technology rigward

il-parteċipazzjoni ta' tfal ta' bejn it-8 u t-18-il sena fis-Summer TED-Ed Clubs 2017. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex iwassal din l-informazzjoni lill-pubbliku.
Il-Kunsill ħa nota dwar dan.

33.6.21 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab lill-Kunsilli sabiex jerġgħu jaħtru Deputat Segretarju Eżekuttiv peress li t-terminu ta' 90 ġurnata, b'effett mill-4 ta' April 2017, ser jiskadi. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li qabel ma nerġgħu nġeddu l-ħatra lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv eżistenti, niċċaraw mad-Dipartiment jekk l-Assistent Uffiċjal Prinċipali li bħalissa qiegħda fi skala 10 tistax issir hi. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-ħin kien is-7.00 ta' filgħaxija u s-Sur Paul Curmi talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**33.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

33.7.1 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi Itaqa' fis-27 ta' Ġunju 2017, fil-5.00 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil – *Chairperson* u s-Sur Saviour Xiberras - Membru*.* Preżenti kien hemm ukoll is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru talbet li tkun skużata minħabba li ma laħqetx tiġi mix-xogħol.
Is-Sinjura Carmen Said - Sindku talbet li tkun skużata minħabba li attendiet attività f'Malta.

Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* kienet assenti.

Dawk preżenti stennew għal nofs siegħa mill-ħin stabbilit u fil-5.30 ta' filgħaxija ċ-*Chairperson* iddikkjara li ma kienx hemm *quorum* u li l-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 18 ta' Lulju 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

**33.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

33.8.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 33/2017(28_06_17).

**33.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

33.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 19 ta' Lulju 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 19 ta' Lulju, 2017

**IFFIRMATA**

Carmen Said
Sindku

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv